**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2018**

**Talba Nru:517/2017PM1**

**Adrian Cutajar (ID Nru. 144279(M)) ezercenti n-negozju bl-isem 'Audio Images'**

**Vs**

**Annalies Bouvett**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2017 illi l-intimata ghandha thallas lill-attur is-somma ta' mitejn euro (€200) rapprezentanti bilanc dovut minnha lill-attur fir-rigward ta' prezz ta' telefon cellulari tal-marka Samsung S4 akkwistat minnha minghand l-attur bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din it-talba sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u, filwaqt li dehret, mhux assistita ghas-seduta tal-lum, minkejja li giet imwissija mit-Tribunal li huwa fl-ahjar interess taghha li tappunta avukat tal-fiducja taghha hija xorta wahda iddikjarat li ma kellhiex il-htiega li taghmel dan stante l-ftehim milhuq bejn il-partijiet.

Ra li matul is-seduta tal-lum il-partijiet iddikjaraw li lahqu ftehim bejniethom fis-sens illi l-intimata thallas lill-attur is-somma mitluba permezz ta' pagament ta' mija u

erba euros u erbghin centezmi (€104.40) sa mhux aktar tard mill-31 Jannar, 2018 u l-bilanc rimanenti jigi saldat permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50) kull wiehed bl-ewwel skadenza pagabbli fl-ahhar ta' Frar, 2018 u kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti sakemm jigi saldat l-ammont kollu mitlub u li in vista ta' tali ftehim il-kawza giet posposta ghas-sentenza .

Illi t-transazzjoni hija definita bl-Art 1718 tal-Kap 16 bhala "*kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir*"

Intqal mill-Qrati taghna li hekk kif transazzjoni li tkun valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi "*ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f`gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza*" (**Kollez. Vol. XXXIV.III.900**), verbal tal-partijiet waqt kawza ghandu l-istess effett kontrattwali (**Direttur tal-Agrikoltura vs Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1987).

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta. Allura t-Tribunal ser jordna li l-imghaxijiet dovuti mill-konvenuta jibdew jiddekorru minn tali data san-notifika lill-intimata tal-avviz odjern ukoll ai termini tal-art. 1141(2) tal-**Kodici Civili** u cioe` mill-25 ta' Novembru, 2017.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment l-ammissjoni min-naha tal-intimata u l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif verbalizzat waqt is-seduta tal-lum, liema ftehim in kwantu jammonta ghal transazzjoni ghandu jigi inkorporat mis-sentenza odjerna.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta ammessa min-naha tal-intimata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lill-attur is-somma ta' mitejn ewro (€200) u dana permezz ta' pagament ta' mija u erba' euros u erbghin

centezmi (€104.40) sa mhux aktar tard mill-31 Jannar, 2018 u l-bilanc rimanenti permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50) kull wiehed bl-ewwel skadenza pagabbli sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar, 2018 u kull l-ahhar tax-xahar sussegwenti sakemm jigi saldat l-ammont kollu mitlub flimkien mal-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika lill-intimata tal-avviz odjern ossija mill-25 ta' Novembru, 2017 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez ukoll kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**